**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Lulju 2018**

**Talba Nru: 255/18 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs**

**Salvatore Marici (ID 118814 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Gunju 2018 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,680.49), rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.10989459 fuq talba u a beneficcju tal-intimat, u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. X 1'.

Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. X2.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Ra l-prospett a fol. 2, l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono a fol. 3 tal-process, kif notifikat lill-konvenut, li kkonferma li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici ghas-somma mitluba fil-kawza.

Ra li t-talba giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,680.49), rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.10989459 fuq talba u a beneficcju tal-intimat.

2. Illi x-xhud Dr. Jeremy Debono kkonferma li dan l-ammont ghadu kollu dovut.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Lulju 2018.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€2,680.49) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur